MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 846/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**JASON BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jason Bonello, ta’ 25 sena, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-30 ta’ Novembru, 1980, bin Albert u Yvonne nee’ Catania, residenti fil-fond numru 3, Okella Agius, Qormi Road, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 4581(M);

Akkuzat talli matul nhar is-6 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta ta’ 1.00am, gewwa Sqaq il-Kubrit, Hamrun ikkommetta serq ta’ nuccali minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 774 tal-ghamla *Fiesta* ghad-dannu ta’

Noel Portelli mill-Hamrun, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan *ai termini* tal-Artikolu 261, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanza ttanta li jikkommetti serq ta' apparat tal-*hi-fi* minn gewwa l-istess vettura, u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 774 tal-ghamla *Fiesta* ghad-dannu ta' Noel Portelli, liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali mill-volonta' tieghu, liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 41, 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara il rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jason Bonello hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------